MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2010

Numru 295/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND AQUILINA**
**VS**
***OMMISSIS A***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat *Ommissis A*, iben *Ommissis D* u *Ommissis M* xebba *ommissis*, imwieled *ommissis* nhar *ommissis*, residenti *ommissis* u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru *ommissis.*

Illi huwa akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-15 ta' Frar 2009, u fix-xhur ta' qabel din id-data, meta b'diversi atti maghmulin mill-hati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda bhala cittadin jew resident permanenti ta' Malta, sew jekk f'Malta jew barra minn

Malta, kiseb jew kellek fil-pussess tieghek xi ritratt, filmat, *video recording*, jew xbieha eletronika ndecenti ta' persuni taht l-eta'.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat fil-verbal datat 19 ta' Mejju 2010 (a fol. 5);

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat ***Ommissis A*** hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 208A, 28A u 28G tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; Artikolu 7(5) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal **sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn.** In oltre', tqieghedu taht Supervision Suspended Order taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat. Illi, in oltre', l-Qorti tqieghed lill-imputat taht Treatement Order, taht il-psikologu Kevin Sammut Henwood ghal perijodu ta' sena, b'dana li l-imputat ghandu jattendi almenu *session* ta' terapija ta' mhux anqas minn darba fix-xahar, liema *Treatement Plan* qed tithalla f'idejn l-istess psikologu Kevin Sammut Henwood.

In oltre', l-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-hard drives li kienu jikkontjenu l-materjal pronografiku illi gew elevati u ezebiti mill-prosekuzzjoni f'dawn l-atti.

Il-Qorti tordna kopja ta’ din is-sentenza li tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services u ohra lil psikologu Kevin Sammut Henwood.

Il-Qorti tordna d-divjet ta’ l-isem ta’ l-imputat wara illi giet infurmata illi l-imputat, fil-fatt, kien gie abbuzat sesswalment fi tfulitu.

Il-Qorti akkordat din il-piena wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat u l-fatt illi ghandu fedina penali nadifa netta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------